MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 161/2008

**A**

**-vs-**

**B; id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u b’digriet tal-15 ta’ Lulju 2009 l-istess B nħatret bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-minuri C**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 t’April 2008 li permezz tiegħu l-attur A espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi r-rikorrent A u l-intimata B huma separati *de facto* u pendenti bejn il-konjugi hemm kawża għal separazzjoni personali fl-ismijiet ***“B vs A”*** (Rik. Gur. Nru. ___/___);

2. Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) twieled tifel, li ngħata l-isem C ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok.RC1;

3. Illi din it-tarbija m'hiex wild naturali tal-attur;

4. Illi l-paternita` tal-minuri C tista’ tiġi stabbilita` permess ta’ testijiet ġenetici apposta;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-minuri C m’huwiex il-wild naturali tal-attur;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar isem l-attur mill-kolonna li tiffigura missier it-tarbija kif ukoll il-konnotati kollha tal-istess attur u tissostitwixxi l-istess bil-kliem *“missier mhux magħruf”* fiċ-ċertifikat tat-twelid li jgib in-numru ____ tas-sena ____ u fejn jinħtieġ fl-Atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom, nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-13 t’Awissu 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok qabel ma jinbdew il-proċeduri orali hemm bżonn li ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif jiddisponi l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi *in limine litis* jiġi rilevat ukoll li r-rikorrenti biex ikun jista’ jippromwovi din l-azzjoni ta’ ċaħda tal-għarfien tat-tifel C jeħtieġlu illi qabel xejn jipprova li huwa mexxa din l-azzjoni *entro* wieħed mill-perijodi li hemm indikati fl-Artikolu 73 (a), (b) jew (c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fin-nuqqas, ir-rikorrenti jkun irid jikseb l-awtorizzazzjoni

ta' din l-Onorabbli Qorti biex jipproċedi ulterjorment *ai termini* tal-*proviso* tal-imsemmi Artikolu 73;

3. Illi fl-eventwalita li tiġi sorvolata din it-tieni eċċezzjoni dilatorja, ir-rikorrenti biex jirnexxi fl-azzjoni *tad-denegata paternita`* jrid jipprova u jissodisfa sal-grad rikjest mill-liġi talanqas waħda miċ-ċirkostanzi li hemm mniżżla fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi għajr għall-premess, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-atti probatorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi madankollu attiż in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jħoss opportun li huwa fl-aħjar interess tal-minuri C, li din l-Onorabbli Qorti tuża' s-setgħa tagħha taħt l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri sabiex joqogħdu għall-eżamijiet u l-analiżi meħtieġa biex tiġi stabbilita kull prova ġenetika li jkollha x'taqsam mal-każ;

6. Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija d-dettalji kollha tar-rikorrenti mir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar missier it-tarbija fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3974 tas-sena 2007. Fl-istess waqt il-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem A, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagfirif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid *de quo;*

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta B, ippreżentata fl-14 t'Awissu 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok jingħad li isem il-konvenuta u mart l-attur ma hux "B" iżda B u għalhekk trid issir korrezzjoni f'isem l-istess konvenuta u dana a spejjeż tal-istess attur;

2. Illi fit-tieni lok jiġi rilevat illi d-dokument rilevanti għall-każ in eżami huwa ċ-ċertifikat tat-twelid komplet tal-minuri u mhux dak esebit mill-attur bħala Dok RC1;

3. Illi fit-tielet lok qed jiġi rilevat illi filwaqt li l-konvenuta qiegħdha taqbel u kwindi tammetti l-ewwel talba kif dedotta mill-attur ma taqbilx u qiegħdha tikkontesta t-tieni talba u dana in vista tal-fatt illi l-missier naturali tal-minuri in kwistjoni huwa ben magħruf mill-kontendenti konjuġi A u B, u ċioe` li huwa D u ċertament mhux missier mhux magħruf;

4. Illi għalhekk għandu jiġi meqjus bħala meħtieġ u opportun li jissejjaħ l-istess D bħala parti f'din il-kawża ħalli jwieġeb għall-istess u f'każ ta' prova soddisfaċenti l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri fejn jitniżżlu d-dettalji ta' missier il-minuri, jiġu nseriti l-partikolaritajiet kollha neċessarji u rikjesti tal-istess kjamat fil-kawża D.

5. Illi l-konvenuta ma għandhiex tbagħti l-ispejjeż ta' din il-proċedura peress illi l-akkadut ġara minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-istess attur kif sejjer jirriżulta f'dan il-proċess.

6. B'riserva li jiġu preżentati risposti ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti.

Rat id-digriet tas-6 ta’ Novembru 2009 li permezz tiegħu ġie msejjaħ fil-kawża D;

Rat l-ammissjoni tal-konvenuta u tal-imsejjaħ fil-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti kif indikati mill-attur jirriżultaw ikkonfermati fl-atti tal-kawża.

Illi l-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **“Josianne Giusti vs Pierre Giusti et”** deċiża fis-16 ta’ Frar 2001 kien qalet:

*“Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f’dak iż-żmien ma kellhiex x’taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (**“Spiteri pro et noe vs Cilia et”** fost oħrajn, 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma’ dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f’moħħ il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.”*

Illi l-Qorti għandha l-istess konvinċiment f’din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta’ l-attur, anke peress li hemm ammissjoni.

Illi rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, l-artikolu 254 ġie sodisfatt peress li l-pubblikazzjoni saret.

**Għaldaqstant il-Qorti, fl-ammissjoni tal-konvenuta, tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. tiddikjara lill-attur mhux missier naturali tal-minuri msemmi;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid numru ____ tal-____, billi l-konnotati tal-attur jitħassru u minflok jiġu mniżżla l-kliem *"missier mhux magħruf";***

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------